# TAĦT L-ARLOĠĠ IL-QADIM TAL-KASTELL TA' GĦAWDEX

ĦSEBIJIET

M'għadekx iddoqq, m'għadekx issamma' leħnek
Fil-misraħ ċkejken illi hemm quddiemek
Li bħalek jaf elf ġrajja
F'tislit bejn mewt u ħajja.

Kollox sieket fil-belt fejn dari leħnek
Semmajt minn dar għal dar f'lejliet kennija,
Id-djar li taw is-sħana
Mnejn tnissel dal-ġens tagħna.

Kollox sieket fil-belt; it-triqat jibku
Bikja ta' baħ, ta' dieq li jidħol f'qalbek;
U l-ħsieb tħossu jitrigħed
F'dehriet ta' żmien imbigħed.

Minn dawk it-twieqi żgħar tad-djar imġarrfa
M'għadhomx jixirfu uċuħ igħassu bil-ħniena
Biex tfittex isemmagħhom
Is-siegħa tal-ħolm tagħhom.

U l-għases fuq is-swar m'għadhomx jixirfu
Sabiex jaraw daqqitx is-siegħa ħelwa
Li ftit mistrieħ tatihom
Mill-għejja li tifnihom.

U l-ebda kavalier ma jiġi jgħarrex
Il-ħin li fih jiltaqa' mal-maħbuba
Li qalbu nebbħithielhu,
U d-dinja ċaħdithielu.

L-inqas ma twiegħbek il-qampiena ċkejkna
Tal-Knisja żgħira qalb l-irdum minsija,
Fejn bħalek tgħanni b'karba
Taż-żmien li tar il-ħarba. (1)

Ma' nofs il-lejl, il-ħin tal-kbar konfoffi,
M'għadekx tħarrab mill-ħabs xbejbiet u żgħażagħ,
Kif igħidu ħafna għana
Li taf il-kotra tagħna.

Int biss, arloġġ, int biss taf tgħidha sewwa
Il-ġrajja ta' dil-belt il-lum bla ħajja,
Għax int qejjist lil jiemha
Ta' dmugħ, ta' demm, ta' sliema.

Għax int ukoll daqqejt is-siegħa kbira
Ta' dik ir-rebħa illi fdietna għal dejjem
Xħin Malta b'qawwiet driegħha
Għaġġbet lid-dinja sħiħa.

Ġorg Pisani

(1) Il-knisja ta' San Ġużepp il-qadim